MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Numru 620/2002

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Reginald Cini, iben Reginald,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
ottubru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli matul il-lejl ta' bejn il-5 u is-6 ta' april, 2002 ġewwa l-Belt, Valletta –
a. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq, ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fil-fond numru 174, Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta u fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAM 817, tal-marka Fiat Uno, proprjeta' ta' Alfred Chircop mill-Belt, Valletta, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta' l-istess Alfred Chircop;

b. għamel użu minn apparat tat-telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għal għanijiet li ma jkunx dawk provduti għalihom;
c. saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CIN 170, tal-marka Mondeo b'manjiera perikoluża u traskurata u b'ġiri aktar milli jmissu;
d. talli sar reċidiv b'sentenżi li saru definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' novembru, 1998 u fit-12 ta' settembru, 2000;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Alfred Chircop u il-familjari tiegħu u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tiskwalifika lill-imsemmi Rginald Cini milli jkollu jew jottjeni kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-6 ta' april, 2002 għal ħabta tas-1.15 a.m. il-pulizija ġiet infurmata minn Alfred Chircop li kien twaddab fliexkun tal-birra lejn ir-residenza tiegħu. Dan il-fliexkun kisser il-ħġieġ tat-tieqa tal-kamra ta' isfel u baqa dieħel fil-kamra fejn kienu rieqdin mart l-imputat u ibnu.

Illi dak iż-żmien l-imputat ma kellhux relazzjoni tajba ma martu u hi kienet qed tgħix ma uliedha fid-dar tal-ġenituri tagħha.

Illi Alfred Chircop xehed li meta ħareġ barra fit-triq hu għaraf lill-imputat dieħel fil-karozza tiegħu li kienet ipparkjata ftit bogħod mir-residenza ta' Alfred Chircop. Meta ġew il-pulizija ndunaw li l-karozza msemmija fl-akkuża u li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza ta' Alfred Chircop kellha xi ħsarat.

Illi għal ħabta tal-ħamsa ta' fil-għodu ta' l-istess ġurnata ntefgħu żewġ fliexken oħra lejn ir-residenza ta' Alfred Chircop iżda f'dan it-tieni każ ħadd ma ra xejn.

Illi l-imputat dejjem ċaħad li hu kien fuq il-post u anki fl-istqarrija tiegħu hu ċaħad li għamel xi ħsara lill-residenza ta' Alfred Chircop jew il-karozza tiegħu.  Hu dejjem stqarr li fil-ħin ta' l-inċident hu kien Paceville.

Illi fil-każ tal-ħsarat hemm konflitt ċar ta' provi li għandu jmur favur l-imputat.

Illi ma tirrizulta ebda prova li l-imputat saq il-karozza tiegħu b'manjiera perikoluża u traskurata u b'ġiri aktar milli jmissu.

Illi għal dak li tirrigwarda l-akkuża tat-telefonati, din l-akkuża hi ampjament pruvata.  Kif ukoll hi pruvata r-reċidiva ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.  Issibu ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500).  Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jimmolestax lill-familja Chircop għal perjodu ta' sena mil-lum taħt penali ta' mitt liri maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------